IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

112. | **22 ta' OTTUBRU 1910.** | **IT-TIELET SENA**

FTEHIM.

Hadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas tmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur, jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Nahla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.

MA TELKUX!!

L-erbatax ta' Ottubru tant mistennija ŭaslu u għadden u il-lum nafu chif ħasbuha il Cunsilieri fuk it-tluk m'il Cunsill scond il programm u il ŭiegħda li għamlu.

Il-lum rajna li l-Avucat u Contin Alfredu Caruana Gatto u it-Tabib Pullicino ħarġu ta' irgiel għaliex żammeu chelmithom u li l oħrajn ħarġu ta' vavi billi daħku f'ŭiċċ il poplu għaliex ma għamlu xejn minn dac li chienu ŭiegħdu. U għamlu ħażin ħafna għaliex il poplu ma hux dac il poplu ta'd-daħk li jaħsbu huma.

Daŭc li bakgħu jridu jgħidu li chiecu telku chien ijcun dannu cbir għall pajjis. Dana ħolmuh huma għaliex kablilhom jaħsbu hecc; il ħsara iżjed sejjra tcun billi ma telkux chif għad infisser actar il kuddiem.

L-eŭŭel nett ŭara li ŭiegħdu f'il programm li huma għandhom jitilku malli jiħmu li ma hemmx tama li nakilgħu xejn actar m'il Ministru, meta dana bagħat ijfehimhom ċar u tond li ma bi ħsiebux jatina xejn actar, ma chienx jmisshom jakilgħu l-affari ta'l *as present advised* biex jibkgħu hemm fuk għaliex b'dana huma jafu f'is-sgur li il Ministru ma hux bi ħsiebu, għallanqas għal ħafna snin oħra, li jatina xejn actar. Mela scond dac li ŭiegħdu f'il programma chellhom jitilku billi jifmuha bħal ma fehmuha iż-żeŭġ *onorabili* Caruana-Gatto u Pullicino.

Ŭara il programma giet id-dichiarazjoni ta'l aħħar li fiha ŭiegħdu li għandhom jitilku jecc ma jisseŭŭa xejn għal gid. Din ucoll kartsu fiha bħallichiecu il ŭiegħdiet chienu ċana u l-eletturi pasturi ta't tafal.

Ŭara din gie dac li chitbu lill Ministru fejn, chif kal il Cunsilier Mercieca, HEDDUH li jecc sa'l 14 ta' Ottubru ma jatina xejn huma jitilku chif ŭiegħdu lill eletturi. Il ġurnata ŭaslet biex b'kasma ta' kalb rajna daŭc il ħamsa minn nies li kabel chellna tant fiduċja fihom jonksu b'ŭiċċ tost li ma bħalu minn chelmithom f'dac li HEDDU lill Ministru ucoll.

Għiduli ftit, karrejja għeżież tiegħi, x'fiduċja jista jifdlilcom actar f'min jeŭ jieħu daŭna il granċi hecc coroħ collha jeŭ jonkos hecc b'ŭiċċu tost m'il ŭiegħdiet tiegħu? B'dema serjetà jippretendu li jieħodhom il Ministru meta jara li jhedduh bi ħŭejjeġ li ma humiex irgiel jagħmluhom? Jidrilcom li meta il Ministru jithem li kiegħed ijħabbatha ma' nies bla chelma u bla ma jagħmlu dac li jŭiegħdu u dac li jheddu sejjer jatihom dac li jridu? Le u katt. Jimxi dejjem magħhom bħal ma jimxu ma'l vavi, jatihom iċ-ċejċa li jibcu għaliha ta xi *as at present advised* u x'naf jien biex ijgħaddi iż-żmien bihom u jagħmel fattih, u frattant f'il ħin li xi Cunsilieri jdabbru rashom il pajjis jibda sejjer ma'r rieħ f'idejn tmunier li jeŭ ma hux capaci jeŭ ma jridx ijmixxi tajjeb il bastiment li il poplu fdalu f'idejh.

Is-Sur Cicc u Shabu kalu li jecc jitilku con deni għal pajjis għaliex il Ministru jneħħilna l-Esecuttiv. Dina hi ħolma ta' rasu li kalagħha biex ijbeżżagħna b'il balau, u imbagħad billi chiecu jneħħi l-Esecuttiv ġa la darba tista tgħid cull min daħal fih ma ħareġx ta' ragel x'nambuh.

Beżżagħna ucoll b'il babaŭ li jecc jitlak issa jitlak għal collox m'il politica. Jecc jagħmel hecc tcun telfa għal pajjis iżda l-aħħar ġrajja u l-aħħar żliek f'in-niexef tiegħu nakksulna ħafna u ħafna minn dic il fehma tajjba u sabiħa li chellna tiegħu u chemm chemm ma bdnejniex naħsbu li jecc jibka sejjer chif inhu sejjer ijcun actar gid li ma jibkax ijbagħbas iżjed f'il politica ta'l pajjis.

Meta tisimgħu minni dana tagħmlux bħal xi boloħ li tgħidu li jiena *pinnur* għaliex kiegħed nicteb contra tiegħu. Jie-

na katt ma cont ma's-Sur Cicc u meta żammejt ma'l politica tiegħu għamiltu għaiiex chellu ma' spalltu bniedem li chelli u għad għandi fiduċja bla tarf fih illi issa ŭriena chemm jaħseb ta' ragel daks li f'il Cunsill ŭriena chemm jaf jitchellem. Jiena dejjem minn sena l-haŭn imxejt fuk il pedati ta'l Avucat Carŭana-Gatto u għadni s'issa nifhimha bħalu. Min hu dac li jista jatini tort għaliex f'dina il burraxca għażilt bħala boxxla tiegħi lil dana il bniedem li ma tant ħila ŭera ucoll li għandu tant irġulija f'il uiegħdiet tiegħu?

Il ħsara cbira għal pajjis sejjra tcun din u m'hux dic li kal is-Sur Cicc: li il-poplu sejjer jiżbogħhom bl-isŭed, sejjer jifhem li kiegħdin jilagħbu biex jibkgħu hemm fuk għal xi tir ta' moħħhom jeŭ għax jakblilhom u b'hecc ijŭakkagħhom minn riglejhom sfiduċjati u billi ma jitilgħux huma jitilgħu xi ħafna berbiexa li jkiegħduna f'il frisc actar milli aħna. Chiecu telku chienu jcheċċulna minn moħħna daŭna il ħafna flieles coroħ li daħħlulna b'il għamil ħażin tagħhom u chienu jsibuna sejf u tarca għalihom; chienu ijchissru f'idejn il għedeŭŭa personali tagħhom ix-xabla li issa sejjrin jaktgħulhom rashom biha, chienu lill eletturi juruhom li ma għandhomx faħam miblul u l-ebda interess li jibkgħu hemm fuk għax jakblilhom, chiecu il poplu jingħakad ħaġa ŭaħda ma' dŭarhom u jarġa jtallagħhom u f'il ħin li l-għedeŭŭa personali tagħhom chien ijcollhom jimleŭ ħalkhom bl-ilma u jisctu, huma chienu jarġgħu jokogħdu fuk is-siġġu ta'l bellus b'il qŭiet u b'il fiduċja ta'l poplu magħhom. Il-lum, ġa la darba ma telkux u ma taŭniex il *prova ta' buona fede* li tlabnihom minn dan ma huma sejjrin ijcollhom xejn u sejjrin jokogħdu hemm fuk contra il fehma u kalb il poplu.

Nisthajjel tgħiduli: Is-Sur Cicc ijgħid li għandu l-intelligenti collha miegħu u għalhecc ma telakx. Dana ma hu xejn minnu, għaliex jecc tharsu lejn il-lista ta' daŭc li ivvotaŭ favur tiegħu fl-aħħar Lakgħa ma issibux *tużżana* li il fehma tagħhom f'il politica tisŭa xi ħaġa; u tużżana ma humiex l-intelligenti ta' Malta u Għaudex collha.

Nieħdu l-istampa. Sibuli ŭieħed biss li hu favur tiegħu ħlief il *Chronicle* li dejjem ijfittex il gid ta'l Gvern contra tagħna. Li il *Chronicle* biss żamm miegħu hu l-acbar argoment contra tiegħu. Il gazzetti l-oħra collha: Il *Malta Herald*, il *Gazzetta di Malta*, il *Patriota*, ir-*Risorgimento*, l-*Intransigente*, in-*Naħla*, il *Malta Tagħna*, is-*Salib*, il *Poplu Malti*—il gazzetti politici igifieri collha chemm huma rieduh jinżel. Jeŭŭilla daŭc collha li jictbu daŭna il gazzetti huma xi ħafna muntuni u l-intelligenti hŭma daŭc li ivvutaŭ għalih biss? Li il «*Malta Herald*» juri il fehma ta'n-nies b'il għakal u li jiena ma inhix injurant chitbu hu stess fl-*Avvenire* tiegħu; u jecc għal l-oħrajn jirid jgħid li huma mictuba minn għedeŭŭa personali tiegħu, għal «*Herald*» u għa'n «Naħla» dana ma jistax ijgħidu sgur. U li ma contx għax intaŭŭal iż-żejjed, cont malajr insemmilu mitt ruħ li huma intelligenti m'hux ankas minn daŭc li semma hu u li il fehma tagħhom tisŭa ħafna f'il politica u li ma jakblux miegħu. Mela l-affari ta'l fehma ta'l intelligenti hi scuża f'il comma bħal l-oħrajn biex ma telkux.

Minn għaiija id-dakka ta' ħarta li taħom il Contin Carŭana-Gatto, *l-onorabili* li ħareġ ta' chelmtu, hi b'iż-żejjed biex tnebbaħhom m'it-tort li għandhom għaliex jecc tasseŭ tonksu firma oħra ta' ŭieħed intelligenti u galantom f'il lista tiegħu hi dic ta'l Avucat Carŭana-Gatto li chif jaf cullħadd chien hu li salvahom f'in-naŭfraġju ta'l elezzjoni l-oħra u li fuk ismu ħadd ma jista jxerred ħlief barca u cull tiħir.

Mela ħalli l-iscużi collha f'il genb, oħorġu ta' irgiel bħa't-tnejn l-oħra, tibkgħux fuk kalb il poplu u contra il fehma tiegħu u INŻLU MINN HEMM M'IL ACTAR FIS GĦALL-GID TA'L PAJJIS.

FRAC.

Krajt da'l granet il poeżija sabiħa tasseŭ, tant għal ħsieb chemm ucoll għall għamla, li is-Sur Carabez chiteb għal l-Eŭŭel Kuddiesa t'ibnu. Biss chiecu kabel jistampa juri ix-xogħol tiegħu il xi ħadd seŭŭa biex ijseŭŭilu xi teftifiet żgħar chien jista jibda jgħodd xi poeżiji minn tiegħu ma' daŭc ta'l chittieba it-tajjbin.

★

Jecc hemm xi ħadd li jrid ijħasse l-eŭŭel sena ta'n-«Naħla» bi ftit flus, jeŭ ħakku jieħodha b'xejn ijgħarrafni għaliex baka xi ftit copji meħjuta. Min jonksu xi numri biex jista jillegaha jmur għand Nurat Debono, il-legatur, 17, Piazza St. Agostino, il Hamrun u għandu l-ordni li jecc baka minn daŭc in-numri li jonkoscom jatihomlcom anche jecc ma tridux tillegaŭ in-«Naħla» għandu. U jecc xi ħadd ma jcunx mokdi seŭŭa f'xi ħaġa nitolbuh li jagħdirna għaliex jaf li irridu illaħħku ma ħafna nies barra m'ix-xogħol tagħna u li jecc f'loc li jgħemgħem u jitħanfes jicteb lili jinkeda aħjar.

IL "MOGĦDIJA TA'Z-ŻMIEN."

Meta rajt li is-Sur Fons Galea, dac il galantom u patriott li il gid li għogbu jatih Alla kiegħed jonfku m'hux f'il capriċċi u il ħmerijiet iżda għal gid ta'l poplu baxx, dac li tasseŭ għandu bżonn min ijgħallmu u jeducah, żamm f'innumru mija ta'l «Mogħdija ta'ż-Żmien,» seŭŭidt kalbi għaliex ħimt li sejjrin jonksu mn'idejn il poplu baxx ħafna cotba sbiħ u onesti u li hemm ħtieġa cbira tagħhom biex ijtaffu dic il ħsara cbira li kiegħdin jagħmlu daŭc il ħafna romanzaċċi li jdardruc għal dac li fihom u għal mod li bihom huma mictubin. Iżda issa li ircevejt in-numru 101 ħadt ferħa cbira u krajtu b'il pjacir għaliex rajt li is-Sur Fons bi ħsiebu jcompli dic iddamma ta' cotba għal gid ta' daŭc li ma jafux jakraŭ ħlief b'il malti. Il «*Il Captan ta'l Malta*» meħud minn fuk ŭieħed m'il isbaħ romanzi ta' Verne, hu tradott tajjeb ħafna u nixtiek li jakraŭh ħafna nies. Biss f'il għażla ta'l poeżiji fuk l-Assedju sata sab xi ħaġa aħjar. Sbiħ huma ucoll l-erba chelmiet li gieb m'it-*Tablet* fuk FEJN ŬIEĦED JISTA JMUR BIEX IJSIB XORTIH u li jiena sejjer ingibhom biex incun nista nagħmel bihom xi gid il min ma krahomx.

«Min jasal il Canada bejn l'1 ta' Marzu sal aħħar ta Ottubru, jaħtieġ icollu fuku daks chemm jisua £5. 4. 0 u it-tfal £2. 12. il uieħed (iżda, minn 1 ta' Novembru sal aħħar ta Frâr, irid icollhom darbtejn dakshecc, jigifieri il cbâr £10. 8. u iż-żgħar £5. 4. il uieħed), u barra minn dan, jaħtigilhom icollhom chemm jinkdeu għa's-sàfar,—Ma dan collu, il bdieua u in-nisa l'imorru hemm għax-xogħol f'id-djar, biżżejjed icollhom chemm iħallsu għa's-safar; bħalhom ucoll dauc l'imorru għa'x-xogħol tal vapur tal art, la darba icunu nchitbu mal cuntratturi; u in-nies collha ta xi snajja (tcun li tcun) li jieħdu magħhom bil mictub minn idejn dauc li mibgħutin Londra mill gvern tal Canadà u li m'humiex megħjunin minn xi caxxa tal carità jeŭ mill Gvern tagħhom u l'icunu nchitbu għa'x-xogħol fil Canadà; u fl'aħħarnett, x'uħud fost il kraba ta min jinsab f'dauc l'artijiet. Dauc mbagħad l'imorru il Canadà u iħallsu għalihom il Gvern jeu xi Cum-

panniji ingliżi tal carità, jaħtigilhom icollhom ucoll bil mictub mn'idejn dauc li mibgħutin għalhecc Londra mill Gvern tal Canadà (*Canadian Emigration Authorities, Charing Cross, London*), u minn fuk, iridu icunu nchitbu għ'ax-xogħol tal biedja u jibkgħu mbagħd jaħdmu f'ir-ràba, bħalma in-nies l'i-morru għa'x-xogħol ta f'id-djar, iridu jibkgħu għalih.

Colmîn imur Canadà u *sa kàbel ma jcun ilu tlet snin hemm*, jitlob xi għajnuna lil Gvern, jeu jieħel il ħabs, jeŭ jaħtieġlu imur l-isptâr jeu xi istitut ieħor, il Gvern iżomm il jedd fuku li jibagħtu, ilu u lil dauc li ħaġa uaħda miegħu.

Uakt li il Canadà bexxket il bieb għall collmîn irid imur igħammar l-artijiet tagħha, l'Australja fetħitu beraħ. In-New South Wales, Victoria, Queensland, u il Western Australia, iħallsulu collox (jeu sehem) lil colmîn jixtiek imur igħammar hemm bħala bidui jeu għa'x-xogħol ta'r-rziezet, u għan'n-nisa biex jakdu fl-idjar, u daun in-nisa isibu xogħol chemm iridu. Fuk hecc illi bosta sejjrin hemm. F'Victoria jinħtieġu biss il bdieua li jagħmluha tajjeb jeu li huma mchissrin għa'x-xogħol ta'r-raba. Lil dauna, jecc iridu, il Gvern ibegħilhom minn moddejn u nofs sa mitt modd raba' il uieħed, u jislifhom it-tmenin fil mija għalli jinħtigilhom biex jaslu hemm. Mill Ingħilterra sal New Żealand, il bdieua bi ftit flûs isibu jaksmu il baħar: bi tmienja sa tnax il lira f'it-terza, u b'seba' u għoxrin lira f'is-seconda, chemm il darba jinżlu l-art bejn Settembru u Jannar; u in-nisa l'icollhom żeuġ liri fil bût x'ħin jakbdu l-art, ma igagħluhomx iħallsu ħlief £ 2. 16. sa £ 6. 16. f'it-terza, u jagħmlulhom tajjeb l'isibu bosta xogħol fid-djar. F'it-Transvaal ħadd ma għandu għax imur, għajr jecc dac l'icun jagħmilha tajjeb seuua. Fl'Affrica t'Isfel, l'in-nisa isibulom ix-xogħol, chemm il darba imorru jinchitbu f'is-*South African Colonisation Society*.

Il Maltin, katt, le ma katgħu kalbhom m'is-safar; bakgħu dejjem ulied il Fenici, chif tistgħu issibu takrauh fil ctieb ta Preca, in-Nru. 3 ta daun il *Cotba tal Mogħdija ta'ż-Żmien* (Kalbiena għall Baħar). U tgħid, fejn ma tiltakagħx magħhom il Maltin? F'ix-xtût tal Africa, Tunes, Bona, Filipvil, l'Argiel, is-Sorija u l'ibliet l'oħra ta't-Tunisija u l'Algerija, drabi tisthajjlec Malta! Fl'Europa, il Maltin mxerrda collimchien. F'Asia, l'Amerca u l'Australja, issib bosta Maltin. Il Curunell ingliż Kenneth Mackay, fil ctieb tiegħu fuk mita mâr Papua (*fl'Oceanja, il fuk mill Australja*) isemmi li Itaka ma Malti u bakagħ dieħel miegħu il geuua f'dauc l'artijiet fejn in-nies l'igħammru ħhom, il Papuani, jieclu il dauc fosthom li jixtħuhom taħthom mità jissieltu bejniethom. Dan li hu isemmi fuku: « Toni li chien giè ma Bruce b'*uarant* ta fizzjal, ħaseb għall collox. Dan il Malti, dħuli, fuk ruħu u ħafif u il ġmiel ta snienu, l'euuel ma daħal l'art tal Papua, bħala camrjer ma Sir Peter Scratchley. Minn dac iż-żmien, għadda bosta minn għalih u iġgiera uaħdu f'ħafna mogħdijiet li ebda europeu ma chien għâdu katt issogra fihom. Billi jâf b'chemm il-lsien u in-nies ta dauc in-naħiet draħom ucoll, kalli li xejn chiecu ma tigiħ tkila illi jindeħes magħhom, mkâr la katt ebda ħadd ieħor ma chellu x'jaksam magħhom». *

Il còtra tal Maltin li marru igħammru f'ix-xtût tal'Affrica daks sebgħin sèna ilu, sabu xortihom, u uliedhom mbagħad bakgħu hemm, u illum jissejjħu *Maltin ulied Bona*, jeu *ulied l'Argiel*, u hecc, minn isem il belt fejn icunu tuieldu. Iżda, billi uieħed irid dejjem ifittex xi artijiet ġodda li fihom jista isib xogħol u kliegħ il flûs, semmejnielcom dauc il pajjiżi illi l-Ingliżi kegħdin iħajjru ħafna l'in-nies tagħhom imorru fihom; u illum, tmur l'Amerchi, bħallichiecu dari tmur ix-xtût tal Affrica, għax bil vapur tal art u il baħar, mchien m'hu bgħid iżjed, u in-nies ma għadiex taraha xejn bi cbira taksam il baħar u tifred l'artijiet.

It-tabib Manchè, li collħadd jafulu għalli għamel għall feikjen tal mard tal għainejn, chiteb chemm il ittra lil Malta Chronicle fuk chif jifhimha hu fuk dic l'igħidulha *Emigrazzioni*. Bèda biex semmagħ fuk li colħadd kâl tiegħu minn ħamsin jeu sittin sèna l'haun, fejn dehrilhom li jistgħu jinsabu artijiet l'igħoddu għall Maltin, bħallichiecu semmeu ic-Cirenajca fil 1850; Creta, ħmistax il sèna uara; mbagħd il Gammajca fil 1872; Tunes, fil 1875; u fil 1878, il gżira ta Cipru, fejn Sir Adrian Dingli, il Prof. Schinas, il Cav. Galizia u il Marchiż Testaferrata Olivier, marru flimchien jarau b'għajnejhom x'setgħu jagħmlu, u ureu lil Gvern tagħna il fehma tagħhom li chiecu jakelgħilna mill Gvern ta hemm daks 4000 modd raba' tajjeb biex jaħdmuh il bdieua tagħna billi joħorgilhom il Gvern ta Malta. Il bdieua maltin, għall fehma ta Sir Adrian, chien icollhom isiefru daks mitejn jeu tlet mija flimchien ta coll darba (rgiel u nisa), u dakshecc ieħor coll mita dauc ta kbilhom ir-raba' itiehom uċuh biżżejjed bi x jistgħu igħaddu il kuddiem. Daun il bdieua, sa jakbdu il lant, il Gvern chien jaħtieġlu igħaddîlhom, l'ir-rgiel minn tlet soldi sa erba' il uieħed; u l'in-nisa, żeuġ soldi; u ilan, barra milli jinħtiegilhom għall ħajja: ichel, ilbies, u sakaf. Sitt snin uara li chienu jaslu Cipru, ikabblulhom xi oksma raba' lil coll uieħed minnhom (rgiel u nisa) għall xi sitt snîn oħra, u uara collox, dan ir-raba' jibka ħuejjigħom. Il Gvern ma chien jigi jitlef xejn, għax fi ħmistax il sèna, icun daħħal flusu bl'imgħax ta't-tlieta fil mija. Minn dan collu, iżda, ma sâr xejn! Issa, it-tabib Manché f'daun l'ittri li għidna (u li hu ħarigħom ucoll fi ctieb għalihom) isemmi fuk li hu jidhirlu li uieħed jista jagħmel biex iħajjar għall l'emigrazzioni, u ħaseb biex jecc katt dan jirnexxi li jitolbu l'Iskof jibagħtilhom xi kassisin magħhom, u hecc il Maltin li jissieħbu flimchien bil mijiet inisslu *Colonja Maltija*, jistħajjlu ruħhom għadhom Malta.

Fil uakt li daun ifittxu xortihom f'artijiet oħra, haun Malta iħissna naħsbu għall ħafna môxa li għandna f'idejn il Cnisja, il Gvern, u il Barunijiet, biex chiecu ikabbluh modd moddejn il uieħed lil bdieua tagħna bla ma igagħluhom iħallsu xejn sa ħames snîn; u mbagħd, la darba jagħmluh raba' ta't-tajjeb, jibdeu minn ħamsa għall ħames snîn iħallsu xi teftifa kbiela sa ma fl'aħħar il kbiela tàsal fl'imissha.

Għall dauc, fl'aħħarnett, li jixtieku isiefru għa'r-rashom, għandna il Legati ta Papaffy u tal Marchiż Bugeja.

Fuk daun il Legati tal Marchiż Censu Bugeja u ta Papaffy, għad ngħidulcom mita nictbu ctieb fuk l'Istituti collha ta Malta u Għaudex, fejn ngibu ucoll colma chiteb l'Onor. Sir Richard Micallef fuk l'Istituti li kegħdin f'idejn il Gvern.

Alf. M. Galea.

---

* *Anthony, Bruce's warrant officer, saw to every thing. He was a lightly built smart Maltese with most beautiful teeth and first came to Papua as valet to Sir Peter Scratchley. He had since done most things, and wandered alone over many untrodden paths. Knowing a number of dialects and understanding native characteristics, he told me he had no fear of penetrating among tribes untouched by civilization* (Across Papua. *1909, facc: 145*).

Dana il ctieb ijkum tliet soldi biss.

BUREAU DE CORRESPONDANCE

Jecc tridu min jictbilcom xi ittri, ricorsi, petizionijiet jeŭ ħuejjeġ oħra bl'Ingliż, bi't-Taljan, b'il Franciż, bl'Ispanjol, b'it-Tedesc u bil Għarbi; jeŭ tridu xi traduzjonijiet min dauna il lingŭi għal Malti, morru fil SCHOOL OF LANGUAGES (BERLITZ SYSTEM) f'in-numru 17, Sda: Mezzodì, il Belt u tcunu mokdija seŭŭa ħisk u bi prezzijiet m'il orħos.

Il Cottonera.

Xi dakkiet tisma xi ŭiehed injurant li biex ijżeblah jeŭ ijcecchen il xi ŭiehed li tŭieled f'il Cottonera jghidlu jeŭ ijghajjru «LI HU MINN NAHHA L-OHRA». Chiecu dana il flien chien jaf seŭŭa xi tfisser il chelma *«Nahha l-Ohra»* chien jintebah minnufih li hi haġa li taghmel gieh cbir lil cull min tŭieled ġo'l Cottonera.

Halli infihem ftit il ghala biex min ghad bakaghlu minn daŭna il flieles f'mohhu jfittex ijtajjarhom u jara chif il Cottonera cattret dejjem il gieh u il gid ta' pajjisna u li tat hafna ŭlied ta' min ijfahharhom ghall gherfhom u ghall hila taghhom, li ma jaghmlu ghajb lil ebda belt u pajjis iehor.

Nibdeŭ minn haŭn:— Scond ma jgharrfuna il ghorrief antichi, u fosthom Cicerun u Qŭintinu, fejn illum, hdejn il Castell Sant' Anġlu, hemm dic id-dahla biex jirdussaŭ id-dghajjes u li jsejjhulha il *Mandraġġ*, f'iż-żmienijiet l-eŭlenija chien hemm tempju famus ta'l Fenici u ŭara ta'r-Rumani. Dana juri ċar li ghallankas sa'l miġja ta' Cristu f'id-dinja, ma'l elfejn sena ilu, il Birgu, chien centru ta'ċ-civiltà maltija, ghaliex ŭiehed ma jistax jifhem chif dac it-tempju famus chien hemm bla ma chien hemm ucoll ma dŭaru il belt ucoll. Nisthajjel tghiduli li tempji antichi chien haŭn ohrajn f'Malta u ghalhecc iċ-civiltà maltija m'hux b'il fors bdiet m'il Birgu iżda setghet bdiet minn Marsaxlocc, m'il Krendi, minn Kortin jeŭ minn Hal Saflieni ucoll.

Li il Fenici chellhom tempju f'Marsaxlocc hi haġa minnha iżda ftit sibna x'jista jdahhlilna f'rasna li il belt principali taghhom f'Malta chienet hemm; ghaliex jecc l-eŭŭel ma resku f'Malta il Fenici sata jcun hemm billi l-actar f'il krib, iżda meta daŭna bdeŭ ijghammru f'dana il pajjis u raŭ il Port il Cbir ma satax ijcun li ma hatrux lilu bhala port ghall cummerċ cbir taghhom u jurina li ġara hecc il fdal ta't-tempju famus li chien ghad baka sa żmien Qŭintinu (1530) f'loc fejn hemm St. Anġlu il-lum.

Dana naraŭh ucoll ghaliex ir-Rumani ghażlu il Port il Cbir u daŭŭruh b'mol famus, u ma irridx nahseb li daŭn ma dahlux ijghammru fejn chien ġa imghammar. Scond il fehma tiegħi jecc il Fenici ghammru katt f'il Krendi u f'Hal Saflieni ghamluh ŭara il Birgu billi chienu nies moghtija ghal bahar.

Iżda inhallu dana ftit f'il genb biex inghidu li bejn il Belt Valletta u il Cottonera dina chienet teżisti kabel sgur; u ghalhecc bosta minn nies li hemm ijghammru f'il Belt huma imnisslin minn daŭc li chienu jokoghdu f'il Cottonera u ghalhecc minn ijżeblah lilhom ijcun kieghed ijżeblah il gidd tieghu stess.

Dac li nafu sgur ucoll scond l-Istorja taghna hi il hila li dejjem ŭreŭ in-nies ta't-Tliet Ibliet f'it-takbidiet horox li ġarrbu missierijietna biex harsu lil dina il gżira m'id-dŭiefer ta'n-Nofs Kamar. U m'hux l-irgiel biss iżda in-nisa u it-tfal ucoll giebu irŭiehhom b'mod li ghaġġbu id-dinja collha. In-nisa bl-isbandoli u it-tfal billi xeŭlhu il boron b'il katran jixghel minn fuk is-sŭar ghinu m'hux ftit biex intrebhu daŭc il hafna takbidiet famusi li ghamlu l-isem ta'l malti imfahhar ma' cullimchien.

Cull min kara l-Istorja jaf li meta saret il palizzata f'id-dahla ta' ŭara l-Isla fi żmien l-Assedju il Cbir, chienu il Bormlisi li inxtehtu fuk l-ispahi li geŭ ijchissruha bl-imnar u harbtuha. Cullhadd jaf ucoll chemm giebu irŭiehhom ta' irgiel fi żmien il Blocc ta'l Franciżi.

Mela ghal dic li hi hila ma nistghux nlief insibu cliem ta' tifhir gha'n-nies ta'l Cottonera. U ghal dic li hi antichità it-Tliet Ibliet chienu sgur jeżistu kabel il Belt Valletta u jecc daŭca ġarrbu taktighat horox ma't-Toroc il Belt Valletta ghadha ma ġarrbet l-ebda ŭahda.

Inghaddu issa ghal haġa ohra li titfa hafna daŭl u gieh fuk il Cottonera, u din hi il ghadd cbir ta' nies famusi li tŭieldu fiha u li sebbhu b'isimhom il caruna glorjusa li iddaŭŭar ir-ras ta'l Patrija taghna mahbuba. Nibda biex insemmi il PATRI BIAĠJU DE OPERTIIS, m'il Birgu, li iffonda ma' San Camillu De Lellis l-Ordni ta' dana il kaddis u li ŭara meŭtu lahak hu l-eŭŭel General ta'l Ordni. Dana miet f'Napli maghdud minn cullhadd ta' kaddis. Mi'l Birgu ucoll chienu il gharef Prof: Salv: Pisani, C.M.G., ŭiehed m'il akŭa tobba li katt chellna; Burlon li chien compositur m'il ahjar ta'l musica bhal ma chien ucoll il Canonicu Dun Lŭiġ Fenech. M'il Birgu hu is-Sur Cav: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazjoni bhal ma hu ucoll il Prof: Enricu Magro, M.D., li hu id-Direttur ta' issa. Is-Sur Lawrenz Gatt, C.E., l-intelligenti Direttur ta'x-Xoghlijiet Pubblici hu m'il Birgu; bhal ma hu is-Sur Cicc Azzopardi, P.L., li hu ŭiehed m'il Membri ta'l Esecuttiv u il-*Leader ta'l Poplu*. Tŭieldu il Birgu ucoll il Canoncu Lanzon li halla hafna xoghlijiet fuk l-Istorja, il pittur Bonomu, l-iscultori Frangisc u Glormu Fabri u xi ohrajn li da'l mument ma niftacarx fihom.

Bormla tat hafna nies cbar u intelligenti ucoll. L-Arcipriet Albanese, il Prof: Gavin Gulia, li chien ŭiehed m'il akŭa naturalisti li katt chellna, it-Tabib Chetcuti, l-iscultur Gerada, il Prof: Teodor Bonnici, ŭiehed m'il akŭa chirurgi li katt chellna, huh, il Prof: Dun Frangisc Bonnici, ŭiehed m'il akŭa filosofi, Dun Dovic Mifsud-Bonnici, ŭiehed m'il ahjar latinisti u poeti, il Padri Majjistru Inglott li chien Rettur ta'l Università u predicatur tant imfittex li chien sejjahlu f'il Vatican biex jippredica sahansitra il Papa, Mons: Salv: Grech, l-architett Ruggier, l-iscultur Salv: Psaila, il pitturi Roccu Buhagiar, Massmu Gauci u Toni Zammit, il compost compositi Fra Salv: Magrin u Dun Michelang Vella, il fonditur Cauchi, l-istoricu P. P. Castagna, u il President Micallef li chien ŭahda m'il akŭa rjus li katt chellna, chienu minn Bormla; bhal ma minn hemm ucoll huma il Prof: Dun Gŭann Formosa ta'l Università, it-Tabib Inglott Ġann Feliċ, il Magistrat Camilleri li hu żina ta'l Krati taghna t-Isfel, Patri Laŭrenz Caruana, il gharef Majjistru ta' d-Dumnicani, Patri Vincenz Falzun ta' d-Dumnicani ucoll, il Prof: Paŭlin Vassallo u tant ohrajn li kieghdin iaghmlu unur lill Malta.

L-Isla tat l-Imhallef Fiteni, l-Arcipriet Fiteni, chittieb tajjeb hafna, il Bertis, il Can: Panzavecchia, Direttur ta'l Educazjoni u chittieb gharef hafna fuk l-Istorja u il Chitba Maltija, Mallia, l-imfahhar compositur ta'l musica, Mons: Gaffieru, jecc ma nisbaljax l-Iskof Mattej, il Prof: Salvu Castaldi, ŭiehed m'il ahjar chittieba b'it-taljan, l-Avucat Neric Zammit, gurnalista mi'l ahjar u patriotta ŝa gharkubu, il pitturi Madiona u Ġużè Bonnici, l-iscultori Ant: Chircop u Ċensu Bonnici, il poeta b'il malti Dŭardu Cachia u Carlu Darmanin li ghamel tant xoghol sabih ta'l cartapesta u bosta ohrajn. U illum ghandna hajjin is-Sur Canoncu Mons: Panzavecchia, u is-Sur Evarist Castaldi, żeŭġ patriotti kalbiena, is-Sur Flores li ghandu l-akŭa Cullegg f'Malta u li minn taht idejh hargu hafna irgiel, u bosta ohrajn li hargŭli minn mohhi. Is-Sur Cav: Ninu Muscat-Fenech li tlifna da'l granet chien minn Bormla ucoll, u il Canoncu ta'l Grotta, Dun Gŭann Gatt—Said, il gha-

ref storicu, chien m'il Birgu ucoll. Ma daŭna inżidu ħafna nies ta'l professjoni, cappillani, ġurnalisti u nies oħra li ħadd ma jisthi jgħoddhom bħala cittadini tiegħu u li ħarġu m'il Cottonera u ġo'l Belt Valletta chisbu u kiegħdin jicsbu bosta m'il l-aħjar postijiet.

Nitti ħajr l-Alla li daŭna id-differenzi bejn belt u oħra, jeŭ bejn belt u campanja, u bejn Malti u Għaŭdxi spiċċaŭ għal collox m'al mixi 'l kuddiem ta'ċ-ċiviltà, u b'ir-raġun għaliex cull belt u cull raħal taŭ in-nies 'cbar tagħhom u għandhom fl-Istorja il faċċata glorjusa tagħhom. Ma chienx hecc ftit snin ilu meta chienu jegħluna nagħmlu il gŭerra b'il gebel u naksmu l-irjus bejn ta'l Birgu u ta' Bormla, u li insaŭŭtu cull tifel minn Bormla li jidħol il Birgu jeŭ li m'il Birgu chien jidħol Bormla. Daŭna il għarucażijiet li jixirku is-salvaġġi il-lum inkerdu għal collox.

Iżda biex incunu imxejna tasseŭ il kuddiem hemm bżonn li minn ġo nofsna tgħib m'il actar fis ħaġ'oħra li kiegħda tgħamlilna għajb cbir u li kiegħda tgħoddna bħa'n-nies li għadhom ħafna l-ura; irrid infisser ruħi IL PARTITI tant bejn cnisja u oħra chemm ucoll bejn il baned u id-dgħajjes, li f'xi ŭaktijiet ijsiru donnhom *gŭerra civili* b'ħafna xenati u ġlied f'il famiilji u b'ħafna taħŭid ta' min ijmakdru.

Nittacru mela dejjem li tant jecc incunu tŭielidna Bormla jeŭ Ħal Safi, f'il Belt Valletta jeŭ f'il Għarb ta' Għaŭdex, aħna dejjem Maltin u ulied daŭc l-istess misierijiet kalbiena li ċarċru demmhom il għażiż għal dina il gżira maħbuba tagħna, u għalhecc katt tħallu li għax ma tŭielidtux fl-istess xiber ta' art jeŭ għax jidħrilcom li banda iddokk aħjar mn'oħra għandcom tinbagħdu u tneġġgħu kalb xulxin.

Le, u m'hux dan biss; m'hux biss li għandcom tingħakdu f'għalenija cbira u sħiħa biex tiddefendu u tħobbu il pajjiscom iżda hemm bżonn li tifhmu li lankas għandcom tbarru il ġnus ta' pajjisi oħra, għaliex tant it-Toroc chemm ucoll il Ġappuniżi, l-Indjani u iż-Zulu, il Parigini u l-actar nies injoranti u salvaġġi huma collha krabatna, u ulied l-istess missier u omm u collha maħluka xbiha ta' dac il Cbir Alla li ilcoll ijħobbna l-istess u jxerred fukna l-istess il ħniena bla tarf tiegħu.

Mela imħabba cbira bejn in-nies ta'l istess belt, ta'l istess pajjis, ta'l pajjisi ta'd-dinja collha. Cullimchien issibu il ġrajja ta' gieħ u il ġrajja coroħ, cullimchien nibtu in-nies għorrief u cbar u in-nies li isimhom hu għajb u jgib misthija. Kejsu li il pichi bejnietcom ma jcunux ħlief bħal nigghieża ħalli timxu actar il kuddiem u m'hux biex iżżebilhu il xulxin. Kejsu li biex tippicaŭ bejnietcom ma tħallux f'il genb jeŭ ma tirfsux il gid ta'l pajjis għaliex b'hecc incunu sejjrin l-ura bħal granc, incunu kiegħdin naŭu b'ir-ras contra il progress.

Mela minn *«Naħħa l-Oħra»* jeŭ le, jecc aħna galantomi u nisŭeŭ, tuna dac li ħakkna u irrispettaŭna għaliex Malta u ir-Reliġjon tagħna dejjem inkdeŭ b'sidirna meta chellhom bżonn min jiddefendihom.

SNIEN! SNIEN! SNIEN!

Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

U xejn la taħseb li billi għedtlec li ma għandecx tuża laħam ma'l ichel li inti sejjra tagħmel xi ħajja ta' xi eremita, le. Meta għandec il ħalib, il bajd, il margarina, iz-zoccor, il frottijiet u il ħxejjex, b'iż-żejt u il kares ta'l-lumi magħhom tista tagħmel elf platt li għal dac li hu palat jisbku il platti li fihom jidħol il laħam. U ftacar imbagħad li ma għandecx tgħix biex tiecol, iżda tiecol biex tgħix u li l-annimali biss jintleŭ bħal kordiena b'dac collu li il chilba tagħhom tiġbidhom lejh. Il bniedem għandu jcun għakli f'collox u jagħżel il gid m'id-deni imkar b'xi sacrifiċċju ċchejchen. Culu bla ma tixbgħu u ichel milli għidtilcom jien biex taraŭ chemm tkattgħu in-nofs ta' nhar actar ħienja u actar miġbura fuk xogħolcom u chif tbiercu li geŭŭistu minn żakkcom biex sibtuh gid f'gisimcom u f'ruħcom. Li ma tieclux imbagħad ħleŭŭiet, *pickles* u għagin hu ta' gid cbir għal gilda għaliex tibka ċara u bellusija; jecc tieclu daŭn il ħŭejjeġ tittappan u tieħu leŭn safrani griż icreħ ħafna. Mela meta ma tfittxux għagin u pickles barra milli tagħmlu gid f'saħħitcom tcunu kiegħdin tgħinu il ġmielcom ucoll. Xaħam daħħlu f'it-tisjir m'il ankas u jecc taklu u issajjru collox b'il margarina jeŭ butir tagħmlu aħjar. Culu chemm tistgħu m'il ankas ħŭejjeġ moklija għaliex b'il kali jsiru tkal u indigesti. Idra chemm tista li bejn l-ichel ma tixrobx lankas ilma iżda ma'l ichel biss għaliex dana jgħajji l-istoncu u ma jcunx jista jiddigerixxi tajjeb chif ijmissu.

Fuk collox biex li tieclu jagħmlilcom il gid f'saħħitcom hemm bżonn LI TOMOGĦDU TAJJEB. Haŭn min jibla donnu ingħama, collox sħiħ, f'radda ta' salib jiecol u jkun minn fuk il mejda—ma hemmx ħaġa agħar minnha għa's-saħħa; aħjar ma tiecol xejn jecc tcun imgħaġġla għaliex jagħmel ankas ħsara. In-Natura tatna is-snien biex nomogħdu u ir-riek biex inxarrbu tajjeb l-ichel bih kabel nibilgħuh biex ijcun jista jiddigerixxi ruħu seŭŭa u jitbiddel f'sustanza. Mela jecc ma tomogħdux tajjeb bi sniencom dac ix-xogħol ijrid jagħmlu l-istoncu u jbati wisk u jaħli ħafna xogħol għal xejn, u jecc l-ichel ma jcunx imsokki seŭŭa b'ir-riek ta'l ħalk ma jistax jitbiddel seŭŭa f'dac li jinħtieġ biex jibni il gisem chif hemm bżonn. Mela meta tieclu idraŭ u darru l-uliedcom minn ċcunithom jomogħdu seŭŭa sa collox ijsir bħal ilma f'ħalkcom u imbagħad ibilgħuh; aħjar tieclu ftit u mimgħud seŭŭa milli timleŭ l-istoncu b'ħafna imbarazz li ma jiflaħx ijsajjru u għalhecc jintrema b'ħafna ħala ta' flus u periclu ta' saħħitcom.

Ħalli ingħid chelma issa lil dauc li huma magħlubin wisk biex ijcunu jafu x'għandhom jieclu biex jismnu ħalli jaslu sa'l pis li tajtcom f'it-tabella. Il ħobż, l-*oatmeal*, il għagin, il butir, il bajd, il patata, il ġdur, il basal, li spraġ, il piselli, il ful, il għazz, il pitravi, il fażola, il frott collu u l-actar il għeneb, it-tin, it-tamar, u il banana, collha jsemmnu. F'loc ilma ixrob il ħalib fietel u orkod chemm tista. Ibża m'il frott kares bħal frawli, m'il ħall, m'it-tè u m'il cafè. Il ħŭejjeġ ħelŭa u grassi collha jsemmnu malajr. Iż-żjut tajjbin ħafna ucoll.

Għal dauc li huma smien u jridu jniżżlu ftit m'il pis li għandhom biex jaslu sa'n-numru ta't-tabella, barra m'il cura ta's-saŭm li għad nitchellem magħcom fukha u li hi l-aħjar ŭaħda, culu m'il ankas minn dauc il ħŭejjeġ collha li jiena ftit actar il fuk irraccomandajt għal min hu magħlub u jrid jismen. L-ispirtu jsemmen ucoll u għalhecc għandcom taħirbuh, u il ħobż ixŭuh. Laħam culu dgħif biss. Il misħun b'il-lumi hu tajjeb ħafna u it-tè u il cafè ħuduhom bi ftit zoccor chemm tistgħu. (*Jissocta.*)

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

IS-SAĦĦAR FALZUN.

(*Jissocta minn numru ta' kabel*)

—«Iżda b'dakshecc il ġuħ ma ittaffiex għal collox» kabeż kallu Mons: Zaħra «inti tiftacar chemm chienu kamu reŭŭixti bejn l-Università tagħna u ta' Messina meta tagħna giegħlet l'ix-xniebec skallin li chien haŭn f'il port sejjrin għal Skallija li jbigħulha b'il forz il kmugħ li chellhom fukhom biex jittaffa il ġuħ icreħ li ħachem fl-1536? Iżda billi il Gran Mastru għin chelma rakad collox u l-Iskallin ma tniffsux actar.»

—«Huŭa, balleċ» kabeż kallu Kalamias «chif ma ridtux jaka il ġuħ jecc ma'l għoxrin elf ruħ li chien haŭn f'il Gżejjer l-Ordni bejn nies tiegħu, rodjotti u irsiera żied f'dakka ħames t-elef ruħ oħra? Fejn ridthom ijŭasslu it-tnax il elf modd li chienu jibagħtulna minn Skallija fl-1535 u meta l-art ta' Malta ma chienetx tati actar minn għaxar t-elef f'is-sena?»

—«U il Gran Mastru ma tkankal xejn biex jara chif ijtaffi dana il għacs?» Staksa Patri Damjan billi dic il ħabta chien kiegħed jistudja barra u ma chienx jaf seŭŭa x'għadda minn dina il gżira.

—«Del Ponte» ŭiegħbu Mons: Zaħra «ħabrec u għela ŭisk u billi chien tgħaŭŭex ġmielu għax chellu ŭieħed u sebgħin xitŭa fuk spallejh, u billi chien ġarrab l-inchejja li chellu jati is-Salib lil xi flien li ma chienx ixx b'iż-żejjed f'għamilu għax hecc ŭiddbu Carlu Hamsa u billi chisirha ma'l Papa imħabba f'Dun Pietru Fernandez de Heredia marad għal darba u f'il għaxra ta' Novembru 1535, ŭara li saltan għal xi ħmistax il xahar u ŭara li ħeles il calżrati insara u għażel b'Vigarju lil Balliju Fra Gacomo Pelloquin miet u gie midfun fejn L-Isleadam f'il cappella ta' fuk ta'l Castell Sant' Anġlu. Haġa oħra ucoll compliet għerbitu f'il kabar u dina chienet li f'il Carnival, li beda f'is-sena 1535, il Cavalieri lbsulu il mascra u tbellħu ħafna actar milli chien jixirkilhom. Del Ponte chien ragel scruplus ħafna u għalhecc inchedd ŭisk. Il ġostri u itturnej ma kal xejn għalihom iżda il mascri ma' ŭiċċ l-Irhieb ta' S. Ġŭann ma niżlulux u naħseb li chellu ħafna ragun.»

—«Mela ma ħasibhiex bħal Gran Mastri ta' ŭarajh» kabeż kallu is-Sur Kalamias «għaliex daŭna għalku għajnejhom u ħalleŭ lil cullħadd jilbes li jrid; u naħseb li dana cabbar il Carnival tostna b'mod li illum jista jhabbatha f'il ŭisa ma dac ta' Venezja fejn ijsir l-isbaħ ŭieħed ta'd-dinja. *»

Haŭn Hamid tala jtectec ŭara il bieb fejn chienu jitħaddtu biex jigħarraf l-is-Sur Kalamias li gie Żeppi ta' Hal Għaxak b'bixchilla frott sabiħ m'il ġnejna tiegħu u biex ijġorrlu l-erba xarbitelli li chienu jinħtieġu biex is-Sur Kalamias, chif għidna, jmur jaħrab il ftit ġranet ta't-tbagħrid ta'l Carnival f'id-dar ta' Hal Għaxak u biex ijbiddel ucoll ftit l-arja ŭara il ħass ħażin li chellu.

Is-Sur Kalamias kal lil Hamid biex jatih dac collu li chien jidhirlu hu u biex ijŭieżnu b'xi ħaġa ta'ż-żgħar ucoll. Hamid daħħallu il bixchilla ħdejh, sellem b'il kima collha, u ħareġ biex jakdi dac li chien ŭiddbu is-Sur Kalamias.

Mons: Zaħra tafa għajnejh fuk dac il frott tant sabiħ li Malta dejjem chienet u għada imfaħħra għal benna tiegħu u is-Sur Kalamias intebaħ minnufih, u għalhecc bla telf ta' żmien xejn dar fuku u kallu bi tbissima ħelŭa:—

—«Monsinjur, dic għalic»...

—«Chif? !... għalija? !»... kallu imfixchel Mons: Zaħra «u int tibka b'xejn?»...

—«Jiena cull meta irrid Żeppi jgibli» ŭiegħbu is-Sur Kalamias «iżda inti la targa tmur Vicu bħal ma bi ħsiebec tagħmel ma iddumx, frott bnin bħal dan ma ittiegħemx sgur. Mela ilkagħha minn kiegħ kalbi għad li hi ħaġa dgħajjfa ħafna għalic»...

—«La kiegħed tgħidli hecc» kabeż kallu Mons: Zaħra «nieħodha u niecluha jien u Patri Damjan għada f'il mejda...f'ħajjietec»...

Patri Damjan iżżiħ ħajr ucoll, bakgħu li chellu jneŭŭilhielhom Hamid sa'ċ-cella u ŭara li kagħdu għal ftit ħin ieħor jitħaddtu fuk xi ftit griefex oħra telku lejn il Cunvent f'il ħin li Mons: Zaħra ŭiegħdu li kabel ijsieter chellu jarġa jmur jarah.

Hamid telak ŭarajhom ċaklem, ċaklem b'il bixchilla ta'l frott u collu ferħan għaliex tnissel f'kalbu il jies li Patri Damjan chien sejjer ijcomplilu xi biċċa oħra m'il ġrajja ta'l imħabba bejn ommu Colina u missieru Hasan.

U hecc chien. Meta Mons: Zaħra ŭasal il Cunvent telak għall celltu billi chien għad ijrid ijgħid il bkija ta's-salmi li ma chienx laħak kal ma'l patrijiet l-oħra f'il cor, u Patri Damjan, għad li ucoll chellu x'jagħmel, meta Hamid talbu ma tatux il kalb li jgħidlu le. Inxteħet fuk pultruna b'il brazzi micsija b'il gild, ta siġġu ta's-sogħda il Hamid ħdejh u beda jgħidlu:—

—«Hamid, l-aħħar li cont fehimtec chien x'bixcla chienet sabet ruħha fiha ommoc Colina meta rat lil Paŭlu Calavà midrub f'darhom, u xi tferfir ta' kalb chellha x'ħin chienet tistenna l-ommha tiffaċċa m'il kuddies u tintebaħ b'dic il praspura collha. U dina ma dametx ma ŭaslet.

«Il kaddejja ix-xieħa li chienet rat x'ġara collox chienet fuk ix-xŭiec biex malli tasal is-Sinjura Enzjona tbokbkilha collox ħaġa b'ħaġa għaliex billi chienet ħafna ta'r-ruħ ma riedetx tarfa fuk spallejha praspura bħal dic u billi xtaket b'hecc ucoll li tinħabb actar ma' sidtha.

«Bakgħet tistenniha b'il-lucchett ta'l bieb f'idha u sicuit tixref u malli ŭaslet tebket il bieb, gibditha chisscnijiet f'camritha u tarrfitilha collox m'il aħjar li setgħet.

«Is-Sinjura Enzjona malli semgħet dana sfaret bħal karsa ta'x-xama, tatha bħal rekket-ir-ruħ u instabtet fuk is-siġġu li il kaddejja neŭŭlitilha bla ma setgħet tlissen biss chelma ŭaħda. Harget il mactur, mesħet il għarak chiesaħ li xakk għaliha u malli stejknet seŭŭa staksietha b'il ħrara, x'ħin kabditilha idejha ġo tagħha:—

—«Marì, ma sar xejn imgħaŭŭeġ, hux? ?... Colina ma tbellħitx ma' Hasan, hux? ?»....

—«Le, sinjura, minn dac li għaddejj minn ġo moħħoc ma sar xejn,—okgħod fuk chelmti»...ŭiegħbitha Marì u compliet kaltilha. «Mela int imbagħad haŭnhecc ħallejt għassa it-tfal!».....

—«F'ħajjet Alla il Hanin» tnieħdet is-Sinjura Enzjona u bieset l-art, u x'ħin daŭŭret ŭiċċha lejn xbiha ta'l Madonna ta'l Għar, li Marì chellha fejn ras is-sodda tagħha, niżlet għa'r-rcopptejha u iżżiet ħajr b'chemm sabet ħrara lill Sidtna Marija talli ħelsitha ħafif minn dac is-saram u ŭiegħditha li l-agħda chellha tagħmlilha kuddiesa minn butha u titkarben fiha. (*Jissocta.*)

---

* *Għal mittejn sena sħaħ il Carnival tagħna ħabbatha ma' ta' Ruma uçoll, u tant chien ijsir sabiħ li il famus pittur franciż, il Cavalier Favray, pingih f'inqŭatru li illum jinsab merfugħ f'il Louvre ta' Parigi. Il «Parata» bdiet issir fi żmien La Vallette ŭara ir-rebħa ta'l Assedju il Cbir, billi fiha riedu jxebbħu it-takbida bejn it-Toroc u l-Insara u il «Vittorja» f'it-tfajla li jtellgħu fuk l-idejn. Barra minn dana il Carnival meta chienet issir xi rebħa m'ix-xŭieni ta'l Ordni il Gran Mastru chien ijħallihom jagħmlu carnival barrani li chien jissejjah il «Carnival l-Iblehʼ.»* (**Vassallo**—*Storia*; **Ferris**—*Memorie dell'Inclito Ordine Gerosolmitano*).

"IŻ-ŻUNŻANA."

Da'l ŭakt sejjra tibda toħroġ dina il gazzetta ġdida b'il Malti u li sejjra tcun suppliment ta'n-«Naħla» tiegħi.

Nisthajjilcom tgħiduli: «X'hemm bżonnha? ma għandecx in-«Naħla,» din ma hix b'iż-żejjed?» Meta infehimcom għala sejjer noħroġha taraŭ intom stess chif tatuni raġun.

In-«Naħla» ħlakta biex ingħallem il poplu u irnexxiet actar milli katt ħsibt jiena għaliex lakgħuha u ferħu biha l-aħjar nies u l-actar intelligenti ta'l pajjis. Iżda bosta oħrajn ma humiex ħlief ijgħemgmu li jridu jakraŭ l-aħbarijiet, il baned ijridu il programmi, l-imsieħbin ijridu in-necrologiji, id-devoti ijridu il festi, xi uħud ijridu il polemichi, aħna cull tant ijcollna bżonn niddefendu ruħna contra il għideb u it-tnassis ta'l għedeŭŭa tagħna u ta' daŭc li in-«Naħla» tiegħi iġġiegħilhom tant jitkagħŭxu bl-ugiegħ ta' żakk. Fi ftit cliem, billi il «*Malta Tagħna*» ilha toħroġ fuk għoxrin sena u għal żmien tŭil chienet timraħ hi biss f'idejn il poplu baxx, dana dara jakra daŭc l-affarijiet għad li fihom il ħajja biss ta' mument u jridhom.

Jiena biex niccuntenta il cullħadd u naktagħlu xeŭktu sejjer ma indumx ma noħroġ gazzetta oħra ta' cull gimgħa li tatiħ dac collu li soltu jakra f'il «*Malta Tagħna*» u aħjar, cull tant bl-istampi u b'il premji, u

B'NOFS PREZZ

billi għad li jcun DAKS il «*Malta Tagħna*» ma jcunx ijkum ħlief ŻEŬĠ XELINI F'IS-SENA (sitt ħabbiet cull numru) li jitħallsu xelin cull sitt xhur b'il kuddiem. L-ispejjes ta'l posta jitħallsu barranin. Min hu imsieħeb f'in-«Naħla» ma jħallasx ħlief XELIN F'IS-SENA BISS ACTAR u posta ma jħallasx barranija billi jircevih ma'n-«Naħla» bħala *supplement.* Dana ix-xelin jitħallas f'dakka u bil kuddiem.

B'hecc in-«Naħla» tibka *rivista* u jcun fiha m'il bidu sa'l aħħar ħŭejjeġ ta' tagħlim biss, u il frac, l-aħbarijiet, in-necroloġiji u il ħŭejjeġ l-oħra jgħacdu f'IŻ-ŻUNŻANA billi dina tcun gazzetta li meta tinkara ŭieħed jista jkattagħha għaliex l-aħbarijiet ijmutu malajr u in-«Naħla» tiftaħ actar il ŭisa għat-tagħlim li jibka jinġabar sa il karrejja ta'l malti jcollhom ENCICLOPEDIJA minnha li isservi lilhom u lill uliedhom.

Id-daks ijcun l-istess ta'n-«Naħla» u bl-istess carta, biss b'ERBA faċċati f'loc bi tmienja. Dina tcun tinbiħ f'it-torok ucoll iżda B'IS-SOLD IL COPJA. Mela jakblilcom actar li tissieħbu u MIN JIBGHAT JISSIEHEB MA TUL DANA IX-XAHAR MA' L-EŬŬEL HLAS LI JAGHMEL JIEHU B'RIGAL IL «MAHBUB TA' GESU': IS-SABIH CTIEB TA'S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI. Mela billi tieħdu dana il ctieb riġal il ħlas ta's-sena jarġa JONKOS B'XELIN u b'hecc l-imsieħbin ta'n-«Naħla» jcunu kiegħdin jieħdu għal l-eŭŭel sena iż-ŻUNŻANA B'XEJN u min ma hux imsieħeb f'in-«Naħla» JCUN KIEGHED JIEHU GHAL-LEŬŬEL SENA GAZZETTA AHJAR M'IL «*Malta Tagħna*» u **B'XELIN BISS** F'LOC B'ERBA XELINI. Dana juri li għad bakagħli iż-żejt għaliex il ġurnalismu għalija hu ideal u passatemp u m'hux maxtura u ħobż ta' cull jum.

L-EŬŬEL MITT IMSIEHEB natihom ucoll copja cull ŭieħed ta'l Eŭŭel Taksima ta's-«SAHHAR FALZUN» u b'hecc l-eŭŭel sena tcun giethom B'XEJN, u daŭc li huma ġa imsieħbin f'in-«Naħla» jcunu fuk ir-rieħ. Mela fittxu ibagħtu issieħbu B'ITTRA MILL ACTAR FIS u jecc fiha tibagħtu il flus li fehimtcom tircievu il premji.

A. LEVANZIN.



TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfaħħar

Prof: ERNESTU PICONE

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetriċja, ta' ginecologija u ta'l għajnejn, b'ħeffa b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullħadd ħareġ cuntent, minnhom.

Min jinfetak, jeŭ ijcollu il mard ta'l ħaġra, jeŭ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l fŭied, ta'l clieŭi u mardijiet oħrajn, l-isbaħ li jagħmel hu li jakbeż sa hemm fejn ijsib cull cumdità u jonfok ftit.

BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

Ta' Ferramenti, Għodod, Hŭejjeg ta' Chimica u Fotografija, Żebgħa, &cc.

BRITANNIA

BRITANNIA

INJAM

ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.

Collox m'il irħas u m'il aħjar.

BRITANNIA

L-OSSIGENU

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO

Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'caŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

INVENZJONI FAMUSA

hi sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il **ħasil.**

Mela biex tiffrancaŭ ix-xogħol u l-għeric

UZAU "IR-RUBNIT,"

Biex tiffrancaŭ is-sapun għaliex taħlu ftit

UZAU "IR-RUBNIT,"

Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien

UZAU "IR-RUBNIT"

li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur **WAGNER**, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « **BRITANNIA** » ta' Sda. it-Torri.

Min hu marid bl-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

L'ELIXIR

TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

FABRIZ BORG.—Il Belt.

267, STRADA REALE.

IS-SECLU TA'N-NERVI.

Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta

NEVRASTENIJA

li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Ħafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

li ŭara studju cbir sab il famus

ANTINEVROTICU

li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.

F'Malta dan ijbigħu

l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!

In-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.